**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Ottubru 2024**

**Rikors nru: 447/ 2024 AGV :**

**CC**

**Vs**

**JC**

Il-Qorti;

**Rat ir- rikors ta' CC**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma:**

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l-erbatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fil-parrocca tal-Balluta, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A.

2. Ili minn dan iz-zwieg twieldu N u  S , illi illum huma magorenni;

3. Illi l-partijiiet huma legalment separtai b`kuntratt ta' separazzjoni konsenwali redatt min-Nutar Dottor Jean Carl Debono datati t-tnax ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) verakopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.

4. ILLI ma hemm ebda kwistjoni rigward manteniment  kemm fir-rigward tal- ulied l-partijiet kifukoll fir-rigward il-partijiet infushom u dana peress illi f' dak li ghandu x`jaqsam ghalihom,huma ddekadew minn tali dritt li jitolbu manteniment  minghand xulxin. Fir-rigward tal-ulied, il-partijiet fil-klawsola 6 (vi) qablu illi:

> Il-komparenti partijiet qed jaqblu illi l-Omm ser tassumi l-manteniment ta' zewg uliedha wahidha, kif ukoll l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess sakemm huma jew jghalqu l-eta' ta' tmintax-il sena jekk jieqfu mill-istudji taghhom jew tlieta u ghoxrin sena jekk ikomplu jistudjaw fuq bazi full-time.
>
> Ghalhekk il-mara tobbliga ruhha li tiehu hsieb ghall-mantenimet tal-minuri u tivversa s-somma ta' mhux inqas min tliet mija u hamsin ewro (Eur 350) fix-xahar ghaz-zewgt ulied. Il-partijiet jaqblu li l-Komparenti Ragel mhux ser jkun jghaddi manteniment ghall-ulied, peress li huwa ser jirrinunzja  ghall-fond kongujali u ser jassumi d-dejn kollu tal-istess komunjoni.

5. Illi m`hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi ilhom legalment separati minn xulxin mis-sena elfejn u sbatax (2017), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qieghed jannetti affidavit tieghu ma' dan ir-rikors mmarkat Dokument C

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti joghgobha:

A. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijit ai termini tal-Artikolu 66 A et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

B. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Rat li l-intimata m'ghandhiex oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju, u talbet li tkun tista' tirreverti ghal kunjomha xebba, cioe' M.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat fl- 14 ta' Mejju 1994.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tawtorizza lill-intimata tirreverti ghal kunjomha xebba, cioe' M.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**